

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – SFIE-PE vs Il-Parlament****(Kawża T-401/18 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri adottati mill-Parlament Ewropew li jordnaw lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi”)**

(2018/C 392/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Syndicat des fonctionnaires internationaux et européens – Section du Parlement européen (SFIE-PE) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-2 u tat-3 ta' Lulju 2018 li jirrikjedu lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi, kif ukoll ta' deċiżjonijiet futuri li permezz tagħhom interpreti bi strajk jiġu rikjesti jipprovdu servizzi minimi fil-5, fl-10 u fil-11 ta' Lulju 2018 u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Parlament jiġi ordnat jillimita fil-futur li jordna lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma riżervati.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – Aquino *et al* vs Il-Parlament****(Kawża T-402/18 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri ta' rekwiżizzjoni tal-interpreti adottati mill-Parlament Ewropew — Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi”)**

(2018/C 392/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Roberto Aquino (Brussell, il-Belġju) u t-30 rikorrent l-ieħor li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-annessi tad-digriet (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-2 u t-3 ta' Lulju 2018 li dwar ir-rekwiżizzjoni tal-interpreti kif ukoll tad-deċiżjonijiet futuri dwar ir-rekwiżizzjoni tal-interpreti għall-5, l-10 u l-11 ta' Lulju 2018 u, min-naħa l-oħra, sabiex titlob lill-Parlament li jillimita fil-ġejjieni r-rekwiżizzjonijiet tal-interpreti.